MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 267/2004

Kawza fil-lista: 23

**A B**
**Vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-attur izzewweg civilment lil konvenuta fl-14 ta’ Settembru 1997 certifikat taz-zwieg numru 1611/1997(Dok A);

Peress illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal.

Peress illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Peress illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Peress illi l-partijiet rabtu l-kunsens taghha ma' kondizzjoni li tirreferi ghal futur.

Peress illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-Art 19(1) (g) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tas-sena 1975 li Jirregola z-Zwigijiet.

Tghid ghalhekk il-konvneuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat fl-14 ta' Settembru 1997 bejn il-kontendenti huwa null u bla effett.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota prezentata mill-konvenuta li biha ammettiet it-talbiet attrici;

Rat l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta kkuntrattat fl-14 ta' Settembru 1997 huwa null in bazi ghal dak kontemplat fil-paragrafi [d][f] u [g] tal-Kap.255.

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Il-konvenuta bdiet tohrog ma' l-attur meta dina kellha circa 17 il-sena u meta dana kien gharus ma' mara ohra. Il-partijiet baqghu johorgu flimkien anke wara li l-attur kien izzewweg lil dik il-mara. Sussegwentement iz-zwieg ta' l-attur kien gie annullat, u l-attur rega' izzewweg, din id-darba lill-konvenuta, fl-14 ta' Settembru 1997. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi f' dan iz-zwieg il-partijiet irriskontraw diversi problemi dovuti principalment ghall-inkompatibbilita' ta' karattru, kif ukoll ghall-finijiet differenti li kellhom f' hajjithom, ghax filwaqt li l-attur ried li jkollu t-tfal u jifforma familja bil-mara taqdi l-facendi tad-dar, il-konvenuta ma riditx tfal stante li dina kellha x-xoghol taghha u ma rieditx tirrinunzja ghalih biex ikollha t-tfal. Di fatti ghalkemm il-kopja kienet ilha mizzewga minn Settembru 1997 dawna, baqghu ma kellhomx tfal. Fl-affidavit taghha l-konvenuta tghid espressament: "A wera xewqa li jkollu tfal, lanqas qatt ma kien ghaddhieli minn mohhi li jkolli t-tfal…. Fil-verita' ma kontx lesta li nitlaq mix-xoghol sabiex nifforma familja." [Fol.19]. Ir-relazzjoni bejn il-kopja ddigenerat b' tal-mod li l-konvenuta spiccat aggredita mill-attur fisikament tant li spiccat fl-emergenza fl-Isptar. Xahar wara, il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fl-10 ta' Settembru 2002.

Illi mill-provi prodotti l-Qorti tirravvisa f' dan il-kaz l-ezistenza tal-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] tal-Artikolu precitat li jikkontempla l-vizzju tal-kunsens fil-kaz ta' eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja matrimonjali, kif ukoll l-eskluzjoni tad-dritt ta' l-att konjugali.

Kif osservat din il-Qorti fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe deciza 9.12.2002*, is-simulazzjoni tiehu l-forma ta' dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala colorem habens substantiam vero nullam li b' konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f' kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-

tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b' att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] *[PA Muscat vs B D – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996]*

Fil-kaz odjern irrizulta assodat li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens da parti taghha, il-konvenuta eskludiet li jkollha tfal, u ma kienitx preparata li tifforma familja, b' hekk b' att posittiva tal-volonta' taghha eskludiet wiehed mill-obbligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja konjugali. Ghax kif jinsab assodat fil-gurisprudenza l-elementi li jikkostitwixxu l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga huma dawk tal-unjoni, permanenti, esklussiva u irrevokabbli diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Huwa stabbilit li l-elementi essenzjali ghaz-zwieg huma l-unjoni permanenti bejn ragel wiehed u mara wahda [*bonus fidei*] bazata fuq il-fini ta' prokreazzjoni u l-edukazzjoni ta' l-ulied [*bonus prolis*] u li ghandha bhala l-iskop ewlieni taghha il-komunjoni tal-hajja [*bonus vitae*]. Mill-provi jirrizulta car, u dan gie ammess anke mill-konvenuta, li dina, nonostante li dahhlet f' kuntratt taz-zwieg ma' l-attur, ma ried li xejn ifixkilha fix-xoghol taghhali kien jirrikjedi wkoll li taghmel hinijiet bil-lejl fuq ix-xoghol.

Ghaldaqstant it-tieni kawzali promossa mill-attur bazata fuq il-paragrafu [f] tal-Artikolu 19[1] tinsab sostnuta fil-fatt u fid-dritt; ghax il-fatt li anke parti wahda tkun eskludiet li jkollhom tfal huwa bizzejjed biex jirrendi z-zwieg null *[PA Anna Galea vs John Walsh 1994].*

Rigward iz-zewg kawzalijiet l-ohra, il-Qorti tirrileva li dik bazata fuq il-paragrafu [g] ma tirrizultax mill-provi, kif lanqas tirrizulta dik bazata fuq il-kontenut tal-paragrafu [d] bazata fuq id-difett serju ta' *discretio judicii*.

Rigward dan ta' l-ahhar, il-Qorti tosserva li f' dan il-kaz huwa applikabbli l-insenjament tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza *App.C. Anthony Azzopardi vs Rita*

*Azzopardi – 5.11.2005* fis-sens li l-kawzali tad-difett serju ta' diskrezzjoni kontemplata fil-para. [d] hija inkompatibbli mal-kawzali tas-simulazzjoni – wahda proprjament teskludi lill-ohra. "Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju … irid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddecidi liberament [jigifieri minghajr impulsi interni li jkunu nehhewlu l-liberta' ta' l-ghazla] fuq l-oggett tal-kunsens matirmonjali" *[PA Alex Tonna vs Anna Tonna 10.09.1997 u PA Samuela Lea Pavia vs John Pavia – 20.05.1996].* Is-simulazzjoni invece, peress li tirrikjedi l-eskluzjoni b' att posittiv tal-volonta' dirett proprju fir-rigward taz-zwieg innifsu jew element/i essenzjali tal-hajja matrimonjali, tippostula l-kapacita' li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddecidi liberament, u proprju ghax ikun hemm din il-kapacita' wiehed jaghzel li jaghmel l-eskuzzjoni posittiva fuq riferita.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [f] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255, u ghalhekk timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billli tilqa' t-talba attrici u tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat fl-14 ta' Settembru 1997 fejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-ligi. L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------